# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 30 TA' MARZU 2001**

**Avviz Nru 2022/97DM**

**Anthony Camilleri**

**vs**

**Emmanuel Schembri u martu Mae Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhalsu s-somma ta' disa mitt lira Maltija (Lm900) jew kwalsiasi somma verjuri li tiddeciedi dina l-Qorti dovuta mill-konvenuti ghal sensarija u servizz rezi mill-attur fuq ix-xiri ta' "Villa Ines" fil-Gzira in –forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Francis Micallef datat 13 ta' Novembru 1996

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-attur qatt ma agixxa ta’ sensar fil-kompravendita imsemmija u wisq anqas gie inkarigat jirrendi servizzi lill-konvenuti;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ta’ l-kontendenti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi gie ritenut mill-Qrati illi *"mhux kull intervent ta terza persuna fin-negozjati bejn xerrej u venditur jghati lok ghad-dritt ta senserija; jinhtieg li l-intervent ikun wiehed determinanti u li jkun jinkludi dik l-assistenza kollha necessarja biex twassal lill-partijiet ghal-ftehim"*[1] u li d-dritt ta senserija jimporta *"konciljazzjoni tal-partijiet dwar is-sostanzjali u l-accidentali ta' l-operazzjoni jew negozju guridiku"*[2].

Gie ukoll deciz [1] illi l-istharrig dwar il-kundizzjonijiet tal-bejgh u l-introduzzjoni ma xulxin tal-bejjiegh u x-xerrej, ghalkemm huma intervent limitat, huma sufficjenti biex jghatu lok ghad-dritt ta senserija, anke meta l-istharrig da parti tas-sensar kien l-uniku intervent rikjest espressament mix-xerrej[3].

Ghalhekk irid jigi determinat x'kien l-intervent tal-attur fin-negozju konkjuz mill-konvenuti.

Jirrizulta li dan l-intervent, kif jaqblu l-kontendenti, kien jikkonsisti esklussivament f'talba tal-konvenut lill-attur, mgharuf bhala sensar, biex dan specifikament jaccedi fil-fond "Villa Ines" fil-Gzira u jikkonferma mas-sidien hemm residenti jekk l-istess fond kienx qieghed ghall-bejgh.

[1] "Briffa –v- Attard" 1398/96 Inf.10/11/00
[2] "Bonavia –v- Grech" P.A. 21/2/47

[3] "Bezzina-v- Strickland" App.Cv. 14/3/95

L-attur oltre li ottjena l-informazzjoni li l-fond kien ghall-bejgh ipprovda lill-konvenuti in-numru tat-telefon tal-vendituri biex jiffacilita' il-kuntatt bejn il-partijiet sabiex ikunu jistghu jittrattaw dwar il-kundizzjonijiet ghall-bejgh.

Billi jirrizulta stabbilit dan l-inkarigu specifiku, li huwa kkonfermat ukoll mill-agir sussegwenti tal-konvenut li ma talab ebda assistenza ulterjuri lill-attur u lanqas ma ddiskuta mieghu l-kontenut jew l-istadju tat-trattattivi dwar il-bejgh, ma jirrizulta ebda inkarigu lill-attur biex jghati servizz ta sensar.

Billi intervent tal-attur kien limitat biss biex jiskopri jekk il-fond in kwistjoni kienx ghall-bejgh u jirrizulta li l-konvenut ried biss din l-informazzjoni billi kien jaf bl-indirizz tal-fond u setgha liberament jidentifika lil min kien jirrisjedi fih minghajr xi intervent ulterjuri tal-attur, dan is-servizz specifiku mitlub u pprovdut ma jistghax jitqies determinanti biex iltaqghu il-partijiet u l-attur ma giex mitlub li jghati xi servizz ta sensar.

Infatti l-attur stess jaccetta illi anke meta ghamel il-kuntatt mitlub huwa ma ddiskuta xejn li kellhu xi rilevanza ghall-kundizzjonijiet u pattijiet marbutin mal-bejgh; lanqas almenu ma indaga jew gie moghti xi informazzjoni dwar il-prezz mitlub.

Ghalhekk ma jirrizulta ebda dritt ta senserija dovut lill-attur.

L-attur izda talab u ghandhu dritt ta xi kumpens ghas-servizz li huwa rrenda fuq it-talba tal-konvenuti. Dan is-servizz kien jikkonsisti fi tragitt u ritorn mill-Gzira, inkontru ma mart il-venditur u diskussjoni li fih l-attur bhala sensar setgha ukoll ghamel uzu mit-talenti professjonali tieghu u konsegwenti hin involut.

Ghal dan is-servizz biss, minghajr ma jittiehed kont tan-negozju konkjuz mill-konvenuti li huwa operazzjoni separata u distinta, il-Qorti qedgha tiffissa ‘arbitrio boni viri’ is-somma ta mitt lira (LM100) u ghalhekk tilqa t-talba attrici limitatament ghal din is-somma u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur din is-somma hekk likwidata, bl-imghax legali mill-lum.

Dwar l-ispejjes, billi jirrizulta li l-konvenuti kienu dejjem pronti li jhallsu xi kumpens, tordna li dawn ikun a kariku tal-attur.

……………………………………

Mag. Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia

Dep.Reg.

Civil 19